MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 1067/2014

**A.A.S.K. Enterprises Limited (C32035)**

**vs**

**MORE Supermarkets (Fgura) Limited (C61496)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fil-25 ta' Novembru, 2014, li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi kif ikkonfermat bil-ġurament mir-rappreżentant tagħha Kevin Scerri (K.I. 320977M), għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li (i) din il-Qorti taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u (ii) il-Qorti tikkundanna lis-socjetà konvenuta biex tħallas lis-socjetà attriċi is-somma

ta’ ħamsin elf sitt mija u ħamsa u disgħin euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€50,695.55) li tirrappreżenta bilanċ tal-prezz dovut lill-kumpannija attriċi mill-kumpannija ntimata għax-xogħol eżegwit u l-materjal u *equipment* fornit lilha. Talbet ukoll il-ħlas tal-imgħax u l-ispejjeż.

Eżaminat l-atti tar-Rikors Maħluf.

Rat in-nota tas-soċjetà konvenuta MORE Supermarkets (Fgura) Limited li permezz tagħha ammettiet it-talbiet attriċi kif dedotti.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Diċembru 2014 fejn l-avukat tas-soċjetà attriċi talab li l-Qorti tordna li l-eżekuzzjoni tas-sentenza li għandha tingħata f’din il-kawża tkun tista’ ssir b’mod immedjat u dan għal raġunijiet li ma jridux dewmien.

Qieset dak li jipprovdi l-Artikolu 219A. (1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta li “fi proċeduri għall-irkupru ta’ djun, sentenza li tingħata wara li tkun saret ammissjoni tat-talba jew wara talba li ma tkunx ġiet kontestata mill-konvenut għandha tingħata, kemm jista’ jkun possibbli wara li jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ, fi żmien disgħin jum minn meta tkun ġiet ippreżentata l-azzjoni fil-Qorti”.

Qieset dak li jipprovdi l-Artikolu 228. (1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta li “m’hemmx appell mis-sentenzi mogħtija fuq ammissjoni tat-talba jew minn sentenzi li l-parti taċċetta bir-rinunzja għall-appell jew billi toqgħod għal dak li tkun qatgħat is-sentenza”.

Qieset dak li jipprovdi l-Artikolu 257 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li "il-qorti tista', għal raġunijiet li ma jridux dewmien, tordna l-eżekuzzjoni tas-sentenza wkoll qabel l-għeluq taż-żminijiet imsemmijin fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan. L-ordni għal din l-esżekuzzjoni jista' wkoll jingħata fl-istess sentenza".

Billi mill-provi mhux kontradetti u kif ammessi, it-talbiet dedotti fir-Rikors Maħluf jirriżultaw ippruvati.

**Għar-raġunijiet suesposti l-Qorti taqta' u tiddeċidi din il-kawża billi:**

1) **Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjetà attriċi u taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ;**

2) **Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta biex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħamsin elf sitt mija u ħamsa u disgħin euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€50,695.55) li tirrappreżenta bilanċ tal-prezz dovut lill-kumpannija attriċi mill-kumpannija intimata għax-xogħol eżegwit u l-materjal u *equipment* fornit lilha, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma, b'seħħ mill-11 ta' Diċembru, 2014 sal-jum tal-ħlas effettiv;**

3) **Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas l-ispejjeż tal-kawża;**

4) **Tordna li a tenur tal-Artikolu 257 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-eżekuzzjoni ta' din is-sentenza tista' issir b'effett immedjat.**

**Moqrija**

**ONOR. DR. LAWRENCE MINTOFF LL.D**

**Imħallef**

**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

**---------------------------------TMIEM---------------------------------**

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------